MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tas-27 ta' Settembru, 2012

Numru. 662/2012

**PULIZIJA**
**SPETTUR JOSEPH AGIUS**

**VS**

**MARTIN XERRI**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Martin Xerri detentur tal-Karta tal-Identita` numru 220969 (M).

**Akkuzat talli:**

Nhar id-9 ta` Gunju, 2012, gewwa l-ghalqa tieghu li tinsab fi Triq

is-Siggiewi, Zebbug, limiti hdejn il-Peridott Hall f'Wied Qirda, u f'dawn il-Gzejjer, bil-hsieb li jaghmel delitt, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt billi gera wara martu bi strument bil-ponta u li jaqta` bil-hsieb li jikkagunala feriti ta` natura gravi, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` tieghu.

Akkuzat ukoll talli fl-istess jum, lok u cirkostanzi ikkaguna feriti ta` natura hafifa fuq il-persuna ta` martu Anna Xerri, kif iccertifika Dr. K. Cardona (Reg. No. 3027) mic-centru tas-Sahha tal-Furjana.

Akkuzat ukoll talli fl-istess jum, lok u cirkostanzi ghedded lil martu Rita u lil Mustafa` Elmigrab bil-mewt.

U talli fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi hu kkommetta reat ta` vjolenza domestika, peress li hu ikkommetta dan ir-reat kontra l-mara tieghu, skond Kapitolu 481 tal-Ligijiet ta` Malta.

Rat id-dokumenti esibiti;

Semghet il-provi mressqa;

Rat l-Artikoli indikati u cioe` l-Artikoli 41 (1), 221 (1), 339 (1) (e) u 251 (b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Rigwardanti l-akkuza ta` theddid minn Mustafa Elmi Grabi ma kienetx saret kwerela u lanqas ma ngabu provi insosten ta` din l-akkuza u ghalhekk minnha tilliberah ghal dak li mhux rinunsajbbli fl-ewwel akkuza.

Rigwardanti l-akkuzi l-ohra dedotti kontra tieghu, dina l-Qorti qed issibu hati u ghaldaqstant tilliberah bil-

kundizzjoni li jaghmilx reat iehor fi zmien xahar mil-llum ai terminu tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------